

**DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2017/811****tal-10 ta' Mejju 2017****li tapprova l-pjan ippreżentat mill-Belġju għall-approvazzjoni ta' stabbilimenti għall-finijiet ta' kummerċ intern fl-Unjoni ta' pullam u bajd għat-tfaqqis skont id-Direttiva tal-Kunsill 2009/158/KE***(notifikata bid-dokument C(2017) 2947)***(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 2009/158/KE tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-kondizzjonijiet tas-saħħa ta' bhejjem li jirregolaw il-kummerċ intra-Komunitarju, u l-importazzjoni ta' tajr u bajd għat-tfaqqis minn pajjiżi terzi <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 3(2)(b) tagħha,

Billi:

- (1) L-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 2009/158/KE jistipula li l-Istati Membri għandhom iressqu quddiem il-Kummissjoni pjan li jiddeskrivi l-miżuri nazzjonali li biħsiebhom jimplimentaw biex jiżguraw il-konformità mar-regoli stabbiliti fl-Anness II ta' dik id-Direttiva għall-approvazzjoni ta' stabbilimenti għall-finijiet ta' kummerċ intern fl-Unjoni ta' pullam u bajd għat-tfaqqis.
- (2) L-aħħar li ġie approvat il-pjan Belġjan kien mid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2004/835/KE <sup>(2)</sup>.
- (3) Fl-24 ta' Ottubru 2016, l-awtoritajiet Belġjani ppreżentaw pjan emendat u talbu l-approvazzjoni tal-emendi li jqisu l-progress li sar fil-metodi tad-dijanjożi tal-mard skont il-programmi tas-sorveljanza tal-mard stipulati fil-Kapitolu III tal-Anness II tad-Direttiva 2009/158/KE.
- (4) Dak il-pjan emendat ġie studjat mill-Kummissjoni u nsab li jilħaq il-kriterji stipulati fid-Direttiva 2009/158/KE, u li sakemm jiġi implimentat b'mod effettiv u jiġi aġġornat b'mod regolari mill-Belġju, jippermetti li l-għanijiet ta' dik id-Direttiva jintlaħqu. Għalhekk, dan għandu jiġi approvat.
- (5) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Huwa approvat il-pjan emendat li jiddeskrivi l-miżuri nazzjonali li jridu jiġu implimentati biex tkun żgurata l-konformità mar-regoli stabbiliti fl-Anness II tad-Direttiva 2009/158/KE għall-approvazzjoni ta' stabbilimenti għall-finijiet ta' kummerċ intern fl-Unjoni ta' pullam u ta' bajd għat-tfaqqis previsti fl-Artikolu 3(1) ta' dik id-Direttiva, ippreżentat mill-Belġju lill-Kummissjoni fl-24 ta' Ottubru 2016.

<sup>(1)</sup> ĠUL 343, 22.12.2009, p. 74.

<sup>(2)</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2004/835/KE tat-3 ta' Diċembru 2004 li tapprova l-pjanijiet għall-approvazzjoni ta' stabbilimenti bil-għan tal-kummerċ intra-Komunitarju ta' pullam u ta' bajd għat-tfaqqis [traduzzjoni mhux uffiċjali] (ĠU L 360, 7.12.2004, p. 28).

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, l-10 ta' Mejju 2017.

*Għall-Kummissjoni*  
Vytenis ANDRIUKAITIS  
*Membri tal-Kummissjoni*

---